MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2103/2002

***Joseph Cini ghan-nom ta' Cini tal-Mija Limited***

***Vs***

***Salvu Dalli f'ismu proprju u ghan-nom ta' "Salcath Self Services"***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut proprio et. nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm522.21) rappresentanti ammont bilancjali ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut proprio et. nomine bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data l-pagament effettiv.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Lulju 2002, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2002 kontra l-konvenut proprio et. nomine.

Ra li l-konvenut proprio et. nomine debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Avukat Dr. Ramona Frendo ghan-nom ta’ l-attur nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et. nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ hames mija u tnejn u ghoxrin  liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm522.21c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Lulju 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut proprio et. nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------